# Ittra ta' Mons. Isqof Mario Grech lill-Familji Għawdxin fil-Ftuħ tal-Missjoni Djoċesana

MISSJONI DJOĊESANA GĦAWDEX 2008 - 2009

## 'Kull familja titgħallem tagħmel *tinda*'

Għeżież,

"Grazzja u sliem minn Alla l-Missier tagħna u Sidna Ġesù Kristu!" (Rum 1,7)

Meta jidħol il-lejl u l-ulied iż-żgħar jinġabru biex jorqdu, normalment il-ġenituri jħallu dawl żgħir jixgħel fil-kamra ta' wliedhom biex jekk xi ħadd jistenbaħ ma jibżax mid-dlam. Dan id-dawl inemnem mhux biss ikisser id-dlam tal-lejl, imma jfakkar li dalwaqt ser titla' x-xemx li tkeċċi d-dlam bid-dija tagħha.

Għandi fiduċja qawwija li ħafna mill-familji tagħna jgħożżu dawl ieħor biex ikunu jistgħu jaraw fid-dlam tal-ħajja. Ħafna għandhom għal qalbhom il-Kelma t'Alla - **"musbieħ għal riġlejja l-Kelma tiegħek u dawl fil-mogħdija tiegħi" (Salm 119,105).** Anke meta l-lejl mudlam jidher tqil u twil, il-Kelma t'Alla tqawwilna qalbna għax tassigurana li żgur għandu jisbaħ għalina dak il-jum li fih ix-Xemx titla' u ma tinżilx: "Stenbaħ int, li int rieqed, u qum mill-imwiet, ħa jiddi fuqek Kristu." (Ef 5,14)

Kif tafu, nhar il-Ġimgħa li ġejja, 10 ta' Ottubru, il-Poplu t'Alla f'Għawdex ser jinġabar flimkien biex nagħtu bidu għall-Missjoni Djoċesana. **Qed niċċelebraw din il-Missjoni biex ngħinu lil kull familja tkebbes dan id-dawl** - mhux biss għall-ulied, imma għall-familja kollha.

Anzi, nemmen li fostkom hemm koppji li l-Mulej għażilkom u sejħilkom biex timxu fuq l-eżempju ta' Akwila u Prixxilla - koppja li, kif insibu fl-Atti tal-Appostli u fl-ittri ta' San Pawl, kellha sehem importanti fil-ħajja tal-Knisja tal-bidu għax għenu biex dan **id-dawl tal-Kelma jinxtegħel fil-qlub ta' ħafna persuni u familji oħra.**

### *Il-Familja Nisranija fid-dinja tal-lum*

Bħal ħafna koppji Nsara tal-lum, Akwila u Prixxilla kellhom iħabbtu wiċċhom ma' sfidi mhux żgħar minħabba l-fatt li kienu dixxipli ta' Kristu. Għall-bidu kienu joqogħdu Ruma, imma l-Imperatur Klawdju keċċihom minn Ruma peress li n-nuqqas ta' qbil bejn il-Lhud u l-Lhud Insara kien qed joħloq diżordni fil-belt (ara Atti 18,2-3). Minħabba li kienu jistqarru t-twemmin tagħhom fi Kristu, Akwila u Prixxilla sabu ruħhom imwarrba, imsikkta u mċaħħda mid-drittijiet tagħhom. Tellfulhom kull ma kellhom: ix-xogħol, id-dar, il-ħbieb - Imma ma tellfulhomx il-fidi fi Kristu. Nistħajjel li fihom kien hemm l-istess sentimenti ta' Pawlu: "Dak kollu li għalija kien qligħ, jien għaddejtu bħala telf minħabba Kristu. Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, **u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih.**" (Fil 3,7-9)

Qed ngħixu fi żmien meta l-familja Nisranija qed ikollha tagħmel ċerti deċiżjonijiet li ma humiex ħfief, billi għażla skond il-valuri tal-Evanġelju tiswilha prezz għoli. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ma nistgħux ma nħossuniex imħeġġin biex aħna stess nikbru fl-għarfien li għandna ta' Kristu. Lill-Insara ta' Kolossi, San Pawl jgħidilhom: "Intom ilqajtu lil Kristu Ġesù l-Mulej; għixu mela magħqudin miegħu; **niżżlu għeruqkom fih, u ibnu l-ħajja tagħkom fuqu**; issaħħu fil-fidi, kif tgħallimtu, u mtlew bil-gratitudni." (Kol 2,6-7). Min hu mimli bi Kristu, lil Kristu ma jżommux għalih, imma jgħaddih lill-oħrajn. "L-imħabba ta' Kristu ssuqna" (2 Kor 5,14) **biex nagħmluh aktar magħruf u maħbub mill-oħrajn.**

### *Il-Vanġelu jixxandar fil-Familja*

Minn Ruma Akwila u Prixxilla marru joqogħdu fil-belt ta' Korintu. Meta Pawlu wasal f'dik il-belt huma laqgħuh għandhom u qagħad għandhom (ara Atti 18,3). Fil-persuna ta' Pawlu, huma laqgħu fid-dar tagħhom ħabbàr tal-Evanġelju, li huwa "il-qawwa t'Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu" (Rum 1,16). Hija barka kbira għall-familja li jkollha żjara ta' xi ħadd mibgħut minn Kristu biex ixandrilha l-Bxara t-Tajba.

Matul din il-Missjoni ser issir żjara lil kull familja biex issirilha t-tħabbira tal-Kelma t'Alla, bit-tama li l-istess familja tilqa' din il-grazzja u hija stess tibda tħabbar il-Kelma fi ħdanha stess billi taqra silta mill-Bibbja kuljum.

Billi kellu l-istess sengħa ta' Akwila u Prixxilla, Pawlu qagħad jaħdem magħhom. Is-sengħa tagħhom kienet li jagħmlu t-tined (ara Atti 18,3). Minn qalbi nawgura li kull familja titgħallem tagħmel "tinda". Mhux it-tinda tal-ġild jew tal-ħarir, imma "it-tinda tal-Preżenza" (ara Eż 40). Kif il-poplu Lhudi, meta kien fi triqtu lejn l-art imwegħda, kien iwaqqaf it-**tinda biex fiha jinżel Alla u jgħammar magħhom**, kull familja għandha tipprova tagħmel mid-dar tagħha dik "it-tinda" fejn Alla jinżel u joqgħod għandha. **Hemm il-familja tinġabar biex titlob flimkien, u tkun tista' tisimgħu jitkellem magħha u l-membri jitkellmu miegħu.**

*Il-Knisja tinbena fil-Familja*

Meta Pawlu telaq minn Korintu fi triqtu lejn is-Sirja, Awkila u Prixxilla kienu miegħu (ara Atti 18,18) għax riedu jissieħbu fil-missjoni. Infatti meta Pawlu kompla l-vjaġġ lejn Antijokja, huma baqgħu f'Efesu biex iwettqu ħidma kateketika li tat il-frott. Meta wara xi żmien Pawlu reġa' għadda minn Efesu, huwa sab komunità ta' dixxipli (ara Atti 19,1-7). Lill-Insara ta' Korintu Pawlu jgħidilhom: "Isellmulkom ħafna fil-Mulej Akwila u Prixxilla u l-Knisja li tiltaqa' f'darhom" (1Kor 16,19); dan ifisser li fid-dar ta' din il-familja kienet tiltaqa' l-komunità Nisranija biex tisma' l-Kelma u tiċċelebra l-Ewkaristija. **Il-Knisja bdiet tissawwar minn ħdan din il-familja, il-"knisja fid-dar".**

Kollox jindika li l-fatt li Akwila u Prixxilla kienu miżżewġin u kellhom il-familja, mhux talli ma fixkilhomx milli huma wkoll jingħataw biex ixandru l-Evanġelju, imma għenhom. Għalkemm bħal kull familja oħra riedu jipprovdu għall-ħajja ta' kuljum, xorta rnexxilhom isibu l-ħin biex jagħtu servizz lil Alla u lill-Appostlu.

Kif il-familja ta' Akwila u Prixxilla kellha sehem biex titwaqqaf u tissaħħaħ il-Knisja f'Efesu, hekk ukoll il-kontribut ta' kull familja tagħna huwa bżonnjuż biex il-Knisja f'Għawdex tkompli tinbena f'bini sħiħ. **Il-familja mhix biss dik li tirċievi l-Bxara t-Tajba, imma hija wkoll dik li xxandar il-Kelma t'Alla** lill-oħrajn, partikolarment lil familji oħra. Il-familja għandha ministeru proprju tagħha, u **l-Knisja tagħna tibqa' fqira sakemm dan il-ministeru ma jitħaddimx minn aktar familji.** Ma nistax ma napprezzax il-ħafna ħidma pastorali li qed issir minn għadd sabiħ ta' koppji fil-katekeżi, fil-liturġija, fil-qasam karitattiv u fil-pastorali tal-familja.

*Il-Katekeżi ssaħħaħ il-Familja*

Meta darba Akwila u Prixxilla semgħu lil raġel għaref minn Lixandra, jismu Apollo, jgħallem fuq Ġesù, huma ntebħu li t-tagħlim tiegħu ma kienx sħiħ u għalhekk ma kienx eżatt. Huma "ħaduh magħhom u fissrulu t-Triq t'Alla iktar bir-reqqa" (Atti 18,26). Dan ifisser li Akwila u Prixxilla kellhom formazzjoni Nisranija tajba u soda. Ma kienx jgħaddi kollox għalihom u lanqas kienu jikkuntentaw ruħhom bil-ftit! Għalkemm Apollo kien "raġel jinqala' biex jitkellem u għaref fl-Iskrittura" (Atti 18,26), Akwila u Prixxilla ma ħassewhomx inferjuri għalih, u bil-kuraġġ u bl-imħabba għenuh jagħraf l-iżball tiegħu. Għax kellhom il-kuraġġ iwasslu tagħlim korrett, huma għenu biex Apollo "jagħlaq ħalq il-Lhud quddiem kulħadd billi jurihom mill-Iskrittura li Ġesù hu l-Messija" (Atti 18,28).

Illum għandna diversi għorrief li huma mħarrġa fi xjenzi varji u jidhru jitkellmu b'awtorità. Imma huwa fatt li fostna hemm min jaħseb li l-għerf u Alla ma joqogħdux flimkien. Għalhekk li wieħed **jiżen u jgħarbel dak li jisma' jew jaqra hija responsabbiltà.** Imbagħad, li bħal Akwila u Prixxilla wieħed **jikxef l-iżball biex tidher il-verità, huwa servizz lill-oħrajn.** Imma biex inkunu nistgħu nagħmlu dan il-konfront fil-kultura tal-lum, bħal Akwila u Prixxilla hemm bżonn naħżnu duttrina tajba. Għalhekk is-siwi tal-**formazzjoni kontinwata fil-fidi**, speċjalment il-**katekeżi tal-adulti**.

*Nilqgħu l-grazzja tal-Missjoni Djoċesana*

Nistqarr li għalija kienet esperjenza ferm sabiħa meta fil-jiem li għaddew, bi tħejjija għall-Missjoni Djoċesana, iltqajt ma' għadd kbir ta' lajċi, uħud minnhom koppji, li huma membri ta' għaqdiet u movimenti fejn issir katekeżi biblika b'mod regolari - Azzjoni Kattolika, Leġjun ta' Marija, Museum, Kariżmatiċi, Gruppi ta' Lectio Divina, Komunitajiet Ewkaristiċi u Neo-Katekumenali. Wieħed jittama li frott tal-Missjoni Djoċesana jkun hemm min jitħajjar jagħmel esperjenza ma' xi grupp minn dawn li semmejt, jew ukoll **jinħolqu esperjenzi ġodda ta' katekeżi fil-parroċċi tagħna.**

Billi minn Efesu Akwila u Prixxilla reġgħu lura lejn Ruma, fejn hemm ukoll kienu jlaqqgħu l-Knisja f'darhom, fi tmiem l-ittra tiegħu lir-Rumani, Pawlu jselli għalihom, jirrikonoxxihom bħala dawk li "ħadmu miegħu" u jirringrazzjahom (Rum 16,4).

Bħal Pawlu jiena wkoll inroddilkom ħajr għall-għajnuna kollha li toffru lill-Knisja. Inħeġġiġkom tieħdu sehem f'din il-Missjoni Djoċesana li għandha tkattar fina passjoni biex nitkellmu dwar Kristu ma' kulħadd. Bil-Kelma tiegħu tħeġġeġ lil qalbna **nistgħu nixegħlu dawl li għandu l-qawwa jegħleb kull dlam fil-ħajja tagħna.**

"Lil Alla li għandu l-qawwa li jwettaqkom fl-Evanġelju, ... il-glorja għal dejjem ta' dejjem b'Ġesù Kristu. Amen." (Rum 16,25.27)

Il-Ħamis 2 ta' Ottubru 2008
Festa tal-Anġli Kustodji

+ Mario Grech
Isqof

# NGĦINU LILL-FAMILJA SSIR FORĠA TA' VALURI

*Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech fil-Ftuħ tal-Missjoni Djoċesana fil-Pjazza tal-Knisja, Munxar - 10 ta' Ottubru 2008*

*Forġa li ssawwar lill-poplu bil-valuri tal-Vanġelu*

**Ilkom ftit ma taraw forġa? Aħna konxji jew le li l-Knisja li aħna nagħmlu parti minna, il-Knisja li aħna niffurmaw hija forġa illi fis-snin l-imgħoddija irnexxielha, bil-formazzjoni Nisranija, ssawwar bnedmin, poplu u kultura mżejna bil-valuri tal-Vanġelu?**

**Illejla** qegħdin hawn għaliex il-Mulej tana grazzja li sibna din il-forġa taqbad, u li lilna ftit jew wisq saffitna u għenitna biex nagħrfu s-sewwa u biex nagħrfu lil Ġesù Kristu. Hemm bżonn li din il-forġa tibqa' taqbad u li żżid fil-ħeġġa tagħha ħalli tkompli tagħti dan il-kontribut tant importanti lil pajjiżna, lill-gżira tagħna, lil kull wieħed u waħda mill-poplu tagħna. **Din il-forġa taħdem bil-qawwa u bir-rieda tiegħek, tiegħi u tagħna.**

Għalhekk illejla ltqajna biex insejħu l-għajnuna tan-nar tas-Sema, in-nar tal-Ispirtu s-Santu, ħalli jekk in-nar tal-forġa jew qiegħed inin jew jintefa' nerġgħu nkebbsuh, nerġgħu

nqabbduh bil-ħeġġa tagħna. Ħarsu ftit lejn il-bieraħ – biex ma ngħidx illum – , u araw jekk il-Knisja f'pajjiżna tatx kontribut u jekk kinitx ta' għajnuna ħalli l-bniedem, il-familja u s-soċjetà tagħna jimxu 'il quddiem f'kull qasam tal-ħajja! Jekk f'dan kollu hemm il-ġid u l-barka ta' Alla, allura l-Knisja llum qed issejħilna bħala l-poplu ta' Alla f'Għawdex biex ilkoll flimkien – aħna s-saċerdoti, ir-reliġjużi u intom il-lajċi – nagħmlu azzjoni waħda li qed insejħulha Missjoni Djoċesana, biex in-nar ta' l-Ispirtu s-Santu jimla l-qlub tagħna, jħeġġeġ il-familji tagħna u jdawwal is-soċjetà tagħna.

***Naħdmu għas-salvazzjoni tal-poplu tagħna***

Fit-tieni qari smajna silta meħudha mill-ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani (Rum 10, 1-18). San Pawl fl-introduzzjoni ta' dan il-kapitlu jagħmel osservazzjoni u jgħid: **"Nixtieq tassew minn qalbi nitlob quddiem Alla li niesi jsalvaw"**. Għeżież tiegħi, mhix din ukoll ix-xewqa tagħna li naraw lil dan il-poplu jsalva? San Pawl jgħid li l-bnedmin **"ma għarfux il-ġustizzja ta' Alla, imma fittxew il-ġustizzja tagħhom u għalhekk ma qagħdux għall-ġustizzja t'Alla"** (Rum 10,3). Naħseb li f'din is-sentenza naqraw ir-realtà tagħna llum.

Il-bniedem tal-lum liema ordni qiegħed jipprova jibni madwaru u liema sens ta' ġustizzja qiegħed japplika fil-ħajja tiegħu personali, fil-ħajja tiegħu bħala membru tal-komunità Nisranija, fir-relazzjonijiet ta' bejnietna u fil-binja tas-soċjetà? Hija l-ġustizzja li ġejja minn Alla? Huwa dak l-ordni li waqqaf Alla sa mill-bidu jew inkella huwa ordni u sistema li qed joħloq il-bniedem mingħajr l-ebda riferiment għal Alla? Ċerti sinjali fil-ħajja ta' madwarna pjuttost jindikaw li aħna qed nibnu l-ġustizzja tal-bnedmin, billi għandna t-tentazzjoni li nwarrbu u nittraskuraw dak l-ordni mwaqqaf minn Alla.

***L-aħbar tal-imħabba t'Alla għal kull bniedem***

F'dan il-kuntest aħna ma narawx perikli u theddid, imma opportunità. Bħala poplu ta' Alla għandna sfida biex f'dawn iċ-ċirkostanzi, mdawlin mill-Kelma ta' Alla, aħna nevanġelizzaw u nxandru mill-ġdid il-Vanġelu ta' Sidna Ġesù lil kull bniedem. Bid-dritt kollu, kif jgħid San Pawl fl-ittra tiegħu lir-Rumani, m'hemm ħadd eskluż milli jirċievi l-Bxara t-Tajba, m'hemm ħadd illi għandu 'handicap' morali, gravi jew le, li ma jistax ikun oġġett tal-imħabba ta' Alla.

**Iva, din hija l-opportunità li aħna għandna. Għalhekk hemm bżonn li nagħtu iktar nar lil din il-forġa. Lis-soċjetà tagħna, bid-diffikultajiet kollha li għandha, rridu mill-ġdid nagħmlulha l-proposta tal-Vanġelu, għaliex jekk aħna jkollna l-qawwa tas-Sema biex inlissnu l-isem tal-Mulej Ġesu aħna salvi** (ara Rum 10,13). **Jekk is-soċjetà tagħna tiskopri l-verità fi Kristu, l-Iben ta' Alla li sar bniedem, allura s-soċjetà tagħna jkollha tassew futur.**

***"Nibgħatkom tevanġelizzaw f'isem Kristu!"***

San Pawl ikompli jgħid: **"Imma kif jistgħu jsejħu lil dak li ma jemmnux fih? Kif jistgħu jemmnu f'dak li ma semgħux bih? Kif jistgħu jisimgħu jekk ma jxandrulhomx? Kif jistgħu ixandrulhom jekk ma jkunux mibgħuta?"** (Rum 10,14-15) Għalhekk illejla, jien f'isem Kristu nibgħatkom. Nibgħat lilkom, ħuti saċerdoti, lilkom ħuti fil-ħajja kkonsagrata, u lilkom lajċi. Iva, nibgħatkom f'isem il-Mulej Ġesù fit-toroq ta' ġżiritna, f'kull rokna tal-Knisja u tas-soċjetà tagħna. Ninsabu taħt id-dell ta' dawk il-minaċċi u ta' dak it-theddid li semmejtilkom, imma għalina dawn għandhom ikunu opportunitajiet biex inwasslulhom lil Kristu u biex ngħinuhom ħalli jesponu lilhom infushom għad-dawl tal-fidi.

Kif jgħid Pawlu: "Il-fidi tiġi mis-smigħ tal-Kelma ta' Alla" (Rum 10,17). Għalhekk din l-ewwel fażi tal-Missjoni li qegħdin nagħtu bidu għaliha hija ddedikata sabiex aħna lkoll li l-Mulej sejħilna, għażilna u qiegħed jibgħatna, nissawru f'dawk il-mumenti ta' katekeżi li ser ikollna flimkien kull nhar ta' Ġimgħa: nibdew minn nhar il-Ġimgħa sal-5 ta' Diċembru. Hemmhekk aħna nagħmlu l-esperjenza ta' Kristu ħalli mbagħad fil-festa tal-Epifanija nerġgħu niltaqgħu flimkien u noħorġu fit-toroq ta' Għawdex tagħna, noħorġu għand kull familja biex inwasslulhom il-Bxara t-Tajba. **Hekk kull familja ngħinuha tkun forġa li tagħti s-sehem insostitwibbli tagħha mhux biss għal kull persuna li hemm fiha, imma wkoll għas-soċjetà kollha biex tissawwar f'dik il-ġenerazzjoni mdawla bil-fidi li ġabilna Pawlu.**

---

# *IL-KNISJA TGĦIN FIT-TIĠDID TAS-SOĊJETÀ*

*Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech fil-Ftuħ tas-Sena Soċjali Azzjoni Kattolika fir-Rabat - 18 ta' Ottubru 2008*

**"L-imħabba ta' Kristu ġġeddidna"** ***(Motto Azzjoni Kattolika Għawdex, Sena Soċjali 2008-2009)***

Irrid ninqeda bil-kliem ta' Pawlu lit-Tessalonkin li xxandrilna llum fit-tieni qari, biex napplikah għalikom, membri tal-Azzjoni Kattolika, li llum qegħdin tagħtu bidu għal Sena Soċjali ġdida: "Kull ħin nizżiħajr lil Alla minħabba fikom ilkoll u niftakar fikom dejjem meta nitlob. Niftakar fil-ħidma li ġejja mill-fidi tagħkom u fit-taħbit li ħiereġ minn imħabbitkom; niftakar fil-qawwa tat-tama tagħkom f'Sidna Ġesù Kristu quddiem Alla missierna" (1 Tess 1,2-3). Inħossu dmir tiegħi li f'din iċ-ċirkostanza nirringrazzjakom tal-preżenza, tal-ħidma u tal-kollaborazzjoni tagħkom. Inħeġġiġkom biex tkomplu bil-ħidma tagħkom skond is-sejħa li jagħmlilkom Kristu permezz tal-Knisja biex l-imħabba ta' Kristu ġġeddidkom, u hekk iġġedded l-ambjenti li ngħixu fhom.

**"L-umanità għandha bżonn tiġi mifdija"** *(Benedittu XVI, Messaġġ għall-Ġurnata Missjunarja 2008)*

L-Evanġelju tal-lum (Mt 22,15-21) jagħmel proposta partikulari lil-lajċi biex iġeddu s-soċjetà ta' madwarhom, li, fi kliem il-Papa Benedittu XVI, toffri xenarju xejn sabiħ, għax il-bnedmin iħossuhom "mimlijin ansjetà għaliex imtaqqlin bl-inkwiet": l-umanità għandha bżonn tiġi meħlusa u "mifdija". Il-ħolqien jinsab taħt il-frugħa u qiegħed jitniehed bl-uġigħ tal-ħlas (ara

Rum 8,19-23). Għalhekk il-bniedem qed jittama li xi darba jkun hemm "soċjetà mġedda" - soċjetà differenti minn dik attwali. **Qisu mhux biżżejjed li l-faqar, il-vjolenza, il-firdiet, il-manipulazzjoni huma forom li jheddu l-ħajja! Għandna min b'mod sfaċċat iħajjar u jgħin biex il-ħajja tinqatel anke fl-ewwel fażijiet tal-eżistenza meta l-persuna ma tistax tiddefendi lilha nnifisha!**

Quddiem din it-tbatija, il-komunità Nisranija ma tistax tibqa' passiva. Gwaj għalina jekk ma nxandrux l-Evanġelju biex hekk ngħinu ħalli ntaffu din it-tbatija. Bil-preżenza tagħkom fis-soċjetà, li hija l-kamp tagħkom, intom tistgħu ġġeddu d-dinja minn ġewwa.

***"Agħtu lil Alla dak li hu ta' Alla"***

Meta darba staqsewh jekk huwiex sewwa li jħallsu t-taxxi lil Ċesari, Ġesù wieġeb: "Agħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari, u lil Alla dak li hu ta' Alla" (Mt 22,22). Ġesù ma jeskludix lil wieħed a skapitu tal-ieħor. La jgħidilhom biex jagħtu kollox lil Alla u jittraskuraw lil Ċesari, u lanqas jgħidilhom biex jagħtu każ biss ta' Ċesari u jinsew lil Alla! Ċesari jirrappreżenta lil dawk li huma fl-awtorità pubblika – lil min għandu s-setgħa fis-soċjetà. Skond Ġesù ż-żewġ dimensjonijiet, dik umana u dik divina, jimxu flimkien. Għaliex « Ċesari » qatt ma huwa miftum minn Alla. **Huwa veru li l- « parlament » huwa l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż li għandu l-qofol tas-setgħa ċivili; imma dan ma jfissirx li l-leġiżlatur għandu setgħat assoluti u huwa indipendenti minn Alla.** Iċ-ċittadin għandu dmir li joqgħod għal « Ċesari », imma din mhix ubbidjenza inkondizzjonata, għaliex fuq Ċesari hemm Alla. Kif josservaw Pietru u l-Appostli quddiem is-Sinedriju: xi drabi "jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli l-bnedmin" (Atti 5,30).

Jekk min għandu din l-awtorità pubblika jifhem il-verita li l-poter tiegħu ma huwiex wieħed assolut, fis-sens li jista' jagħmel li jrid, imma hemm Alla li waqqaf ordni li jeħtieġ li jkun osservat, kieku l-ħajja tal-bniedem tkun ħielsa minn ħafna minaċċi li xi drabi jkunu ppreżentati b'mod pulit taħt forma legali! Il-liġijiet li jagħmlu l-bnedmin m'humiex awtonomi mil-liġi t'Alla. Ħaġa hija tajba mhux għas-sempliċi raġuni li tkun approvata mill-maġġoranza, imma għax tkun tajba fiha nnifisha! **Il-liġi ma teżistix qabel il-valuri, imma l-valuri huma anterjuri għal-ligi – qegħdin hemm biex jiġu magħrufa u mħarsa mil-liġi. L-awtoritajiet jiżbaljaw jekk ma jirrikonoxxux din il-bażi.** Min ser jistabbilixxi x'inhu t-tajjeb u l-ħażin? Il-bniedem ittanta u għadu jipprova jappropja għalih din il-fakultà li jiddetermina hu nnifsu x'inhu t-tajjeb jew x'inhu l-ħażin; imma ħafna drabi ħoloq diżordni kbir madwaru. Jekk jagħmel hekk, ikompli jkattar l-uġigħ. Jekk nibnu ordni soċjali miftum minn Alla, allura ma nkunux għas-servizz tal-bniedem imma nkunu l-qerda tal-bniedem.

***In-Nisrani attiv jagħmel preżenti l-Knisja fid-dinja tal-lum***

F'din iċ-ċirkostanza nħeġġiġkom biex tkunu preżenti fid-dinja tal-lum. Kif jgħallem il-Konċilju Vatikan II, il-Knisja trid tkun preżenti fid-dinja tal-lum. Fittxu dawk il-fora sekulari li fihom isiru diskussjonijiet biex bil-mod il-mod jinħema l-argument li mbagħad jasal fuq il-mejda tal-leġiżlatur. Huwa dmir tan-Nisrani li jagħti s-sehem tiegħu f'dawn l-ambjenti « lajċi » biex jgħin lil ħutu ċ-ċittadini jgħarblu din is-sentenza : "agħtu lil Ċesari dak li huwa ta' Ċesari u lil Alla dak li huwa t'Alla".

Barra minn dak li għandu x'jaqsam mad-divorzju, l-abort u l-ewtanasja ħafna drabi jiġu trattati suġġetti oħra delikati li mhux dejjem jiġu ppreżentati b'rispett lejn dak l-ordni primordjali li għamel Alla. **Il-liġijiet favur id-divorzju, l-abort u l-ewtanasja huma biss ftit mill-ħjut li jsawru n-nisġa ta' liġijiet, regolamenti, direttivi li suppost qegħdin jirregolaw il-ħajja tas-soċjetà. Hemm diversi miżuri u dixxiplini oħra fil-qafas ċivili tagħna, kemm dak nazzjonali kif ukoll dak Ewropew, li ma jitkellmux direttament dwar l-abort, id-divorzju u l-ewtanasja, imma xorta waħda jattakkaw il-qalba tal-persuna umana. Dan jiġri f'diversi oqsma tal-ħajja umana: is-saħħa, il-bioetika, il-familja, il-finanzi, eċċ.**

Huwa dmir tan-Nisrani li jitkellem dwar din il-materja bil-għan li jġedded lill-bniedem u lis-soċjetà. Nistgħu nagħtu kontribut billi nfakkru f'dan il-prinċipju: **dak li huwa tal-bniedem jibqa' tiegħu, imma dak li huwa t'Alla huwa sagru u intokkabbli, u għaldaqstant irid jiġi mħares u rispettat.**

***Naħdmu biex inġeddu s-soċjetà minn ġewwa***

Aħna nitolbu lill-Ispirtu s-Santu biex "iġedded il-wiċċ tal-art". Imma l-Ispirtu s-Santu jaħdem permezz tiegħek u tagħna flimkien. Dak li għandu jimmotivana f'dan l-impenn ċertament mhix il-ħeġġa tal-proselitiżmu. Aħna nemmnu fid-dritt għal-libertà reliġjuża. Imma aħna nemmnu wkoll li l-valuri evanġeliċi nistgħu nressquhom għar-riflessjoni u niddiskutu dwarhom kemm ma' min għandu twemmin ieħor kif ukoll ma' min ma jemminx. Dan għaliex il-validità ta' ħafna mill-valuri li hemm fl-Evanġelju tista' tiġi kkonfermata mir-raġuni umana.

**Inħoss li pajjiżna jkun tassew iblah jekk jagħlaq il-bibien għall-Knisja! Tkun tassew irresponsabbli dik is-soċjetà li, għax ippreġudikata, tagħlaq widnejha għall-kontribuzzjoni li jistgħu jagħtu d-dixxipli ta' Kristu miġbura fil-Knisja fid-diskussjoni pubblika.**

Minn naħa l-oħra, l-Insara jkunu jonqsu jekk jirrinunzjaw joffru dan is-servizz lis-soċjetà. Il-Knisja ma tistax tgħix 'il bogħod mid-dinja, għax l-Evanġelju ta' Kristu huwa komunikazzjoni li ġġib bidla għall-aħjar u tnissel it-tama f'dawk li huma bla Alla. Id-dinja għandha bżonn tal-Knisja.

***Missjoni Djoċesana***

**F'din il-Missjoni Djoċesana, meta qegħdin nagħmlu sforz kollettiv biex kull wieħed minna jiġġedded, meta qegħdin noffru talba ħerqana lil Alla biex tiġġedded il-Knisja lokali, qed nagħmlu appell biex inġeddu r-realtajiet ta' madwarna. L-Ispirtu t'Alla jimla lil qlubkom, jagħtikom aktar ħeġġa milli għandkom, biex tkunu tassew ħmira moħbija imma effettiva li tbiddel l-għaġna tas-soċjetà tal-lum.**

*Nota tad-Direzzjoni:*

Dawn l-erba' paġni ta' Dokumentazzjoni qed jingħataw bħala żieda mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu miġbura u konservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu miġbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.